MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 493/2010

**Carmelo Bonello (I.D. 816643M)**

***kontra***

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u b`digriet tat-12 ta` Marzu 2012 gie jaqra Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-13 ta` Mejju 2010 li jaqra hekk –

*ILLI permezz ta` ittra ufficjali ta` nhar it-12 ta` April 2010 (DOK A) – ossija ittra ufficjali numru 1081/2010 debitament notifikata lill-esponent nhar it-23 ta` April 2010 – il-Kumissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud interpella lill-esponent personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Penza Tarmac Limited (C-22138) sabiex, fi zmien jumejn min-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali, huwa jhallas is-somma ta` zewg miljuni, seba` mija u disgha u sebghin elf u erba` mija u disgha u sittin Euro u tliet centezmi (€2,779,469.03) rapprezentanti somma dovuta lill-istess Kummissarju intimat bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud ;*

*ILLI fl-istess imsemmija ittra ufficjali, il-Kummissarju intimat kien wissa lill-esponent illi, f`Jannar 2010, huwa kien tah Avviz, ai termini tal-Att XXIII tal-1998 (Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud), sabiex ihallas l-ammont fuq imsemmi fi zmien hamest ijiem, pero` l-esponent kien baqa` inadempjenti ;*

*ILLI permezz tal-istess ittra ufficjali l-Kummissarju intimat informa lill-esponent illi jekk huwa jonqos milli jhallas l-ammont suriferit fi zmien lilu moghti, huwa kien ser jghaddi sabiex, ai termini tal-Artikolu 59 tal-Att XXIII tal-1998, jesegwixxi l-kreditu skont il-ligi permezz ta` atti ezekuttivi ;*

*ILLI, madankollu, it-talba tal-Kummissarju intimat kif dedotta fl-ittra ufficjali suriferita hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti:*

*I. Ghal kuntrarju ta` dak illi wissa l-Kummissarju intimat fl-ittra ufficjali suriferita, l-esponent qatt ma gie notifikat personalment b`Avviz ai termini tal-Att numru XXIII tal-1998, ossija b`Avviz a tenur tal-Artikolu 59(2) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta` Malta. Ghalhekk, it-talba kif dedotta fl-ittra ufficjali tat-12 ta` April 2010 hija manifestament intempestiva b`dan illi l-Kummissarju*

*intimat ma jistax, f`dan il-waqt u sakemm ma jkunu saru l-proceduri kollha rikjesti mil-ligi u sakemm ma jkunx ghadda z-zmien li trid il-ligi, jghaddi sabiex jigbor minghand l-esponent, permezz ta` atti ezekuttivi, l-ammont minnu reklamat.*

*II. L-esponent qatt ma okkupa l-kariga ta` Direttur tas-socjeta` Penza Tarmac Limited (C-22138), qatt ma kellu ishma f`din l-istess socjeta`, u qatt ma kien vestit bir-rapprezentanza legali u guridika taghha. Fil-fatt, ghalkemm l-esponent kien registrat, sa nhar it-30 ta` April 2010, bhala segretarju ta` kumpannija ta` din l-istess socjeta`, l-esponent qatt ma kien involut, bi kwalsiasi mod, fil-kumpilazzjoni ta` dokumenti relattivi ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, inkluz denunzi.*

*III. L-esponent, fiz-zmien kollu illi matulu kien jokkupa l-kariga ta` segretarju ta` kumpannija mas-socjeta` Penza Tarmac Limited (C-22138), qatt ma kellu taht it-tmexxija jew il-kontroll tieghu xi flus jew xi proprjeta` ta` din l-istess socjeta`, jew xi flus jew xi proprjeta` dovuti lill-istess socjeta`, u ghalhekk huwa ma jikkwalifikax bhala rapprezentant illi huwa solidament responsabbli mas-socjeta` Penza Tarmac Limited (C-22138) ghal kwalsiasi ammonti li jistghu jkunu dovuti minn din is-socjeta` lill-Kummissarju intimat, u dan skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud [Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta` Malta].*

*ILLI nonostante l-fatt illi, permezz ta` ittra ufficjali ta` nhar it-28 ta` April 2010 (DOK B), il-Kummissarju intimat gie mitlub sabiex jirtira l-pretensjonijiet tieghu kif dedotti fl-ittra ufficjali tat-12 ta` April 2010 in kwantu diretti fil-konfront tal-esponent personalment, l-istess Kummissarju intimat baqa` inadempjenti;*

*GHALDAQSTANT, u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli*

*Qorti sabiex joghgobha tiddikjara illi t-talba tal-Kummissarju intimat kif dedotta fl-ittra ufficjali numru 1081/2010, in kwantu diretta fil-konfront tal-esponent personalment, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u, konsegwentement, tirrevoka t-titolu ezekuttiv vantat mill-istess Kummissarju intimat, bl-ispejjez kontra l-istess Kummissarju intimat.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fl-<u>10 ta` Gunju 2010</u> li taqra hekk –

*1. Illi l-ittra ufficjali de quo harget kontra l-intimat personalment u ghan-nom tal-kumpannija Penza Tarmac Ltd li ghandha n-numru tar-registrazzjoni C-22138 skont kif trid il-ligi u cioe` l-artikolu 66(1) tal-Kap. 406 tal-ligijiet ta` Malta illi jghid illi kull segretarju, manager, direttur, stralcjarju jew ufficjal principali iehor ta` enti jew korp ta` persuni ... ghandu jkun rapprezentant ghall-ghanijiet ta` dan l-Att, ta` dak il-korp ta` persuni, ... Illi s-subartikolu (5) ta` dan l-artikolu jistipola illi rapprezentant ikollu responsabbilita` solidali mal-persuna li jkun qieghed jirrapprezenta ghat-taxxa dovuta minn dik il-persuna ;*

*2. Illi l-ittra ufficjali in kwistjoni nharget kontra l-intimat Carmelo Bonello fit-12 ta` April 2010 ghal perjodi ta` taxxa illi fuqhom kien hemm ammonti dovuti lid-Dipartiment tal-VAT illi matulhom is-Sur Bonello kien ghadu segretarju tal-kumpannija u ghalhekk responsabbli solidalment ghall-hlas tat-taxxa dovuta. Fl-ewwel [1] paragrafu tar-rikors ta` Carmelo Bonello jinghad illi hu qatt ma gie nnotifikat personalment b`Avviz ai termini tal-Att numru XXIII tal-1998, ossija b`Avviz a tenur tal-Artikolu 59(2) tal-Kapitolu 406 ;*

*3. Illi jinghad bir-rispett, illi n-notifika tal-Avviz in kwistjoni saret fil-post irregistrat mal-eccipjenti Kummissarju u r-rikorrent Bonello jkun qieghed jipprova jghatti x-xemx bl-gharbiel meta jghid illi qatt ma gie nnotifikat personalment bl-Avviz de quo meta huwa s-segretarju tal-Kumpannija, u ovvjament xoghlu hu intimament konness ma` dak li jkun qieghed isehh fl-istess kumpannija li taghha huwa s-segretarju kif jirrizulta mid-dokumenti tal-MFSA ;*

*4. Illi jidher mill-paragrafu II tar-rikors in dizamina illi r-rikorrent Bonello ex admissis, irrizenja minn segretarju tas-socjeta` Penza Tarmac Ltd fit-30 ta` April it-timbru fuq il-lemin tal-Form K tal-MFSA, [ghalkemm it-timbru tar-Registry ghandu d-data 27 ta` April 2010] gimgha wara li hu kien gie nnotifikat bl-ittra ufficjali tad-Dipartiment tal-VAT fit-23 ta` April 2010, u b`effett mis-7 ta` April 2010 ! Skont il-ligi lex non oculos retro ? Alla hares il-Qrati taghna kellhom jaghlqu ghajnejhom quddiem tali abbuz sfaccat biex tigi evitata responsabbilita`. Allura jsegwi logikament illi sa dik id-data u cjoe` t-23 ta` April 2010 meta gie nnotifikat bl-ittra ufficjali, ir-rikorrent kien legalment responsabbli ghall-hlas tal-vat dovuta mis-socjeta` fuq imsemmija ai termini tal-artikolu 66 tal-Kap. 406, u l-istqarrija tieghu li qatt ma okkupa l-kariga ta` Direttur tas-socjeta` Penza Tarmac Limited (C-22138) jew li qatt ma kellu xi ishma f`din is-socjeta` jew kien vestit bir-rapprezentanza legali tal-istess socjeta` huwa rrelevanti, bhalma huwa rrelevanti wkoll l-argument li qatt ma kien qatt involut fil-kumpilazzjoni ta` dokumenti relattivi ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, inkluz denunzji ;*

*5. Illi ghandu jinghad li d-Dipartiment johrog ledger statements perijodikament lit-taxpayers u r-rikorrenti messu kien jaf [meta kien ghadu segretarju ta-kumpannija] illi l-kumpannija li taghha kien ghadu segretarju fiz-zmien in kwistjoni, kellha bilanc ta` taxxa dovut lid-Dipartiment tal-VAT ;*

*6. [a] Illi mhix skuza fil-ligi illi segretarju ta` kumpannija jehles mill-obbligi legali tieghu kif jissemma fil-paragrafu III tar-rikors tar-rikorrenti billi dan jallega illi ma kellux, fiz-zmien li matulu kien jokkupa l-kariga ta` segretarju tas-socjeta` Penza Tarmac Limited taht it-tmexxija jew il-kontroll tieghu xi flus jew xi proprjeta` tal-istess socjeta` jew xi flus jew xi proprjeta` dovuti lill-istess kumpannija u ghalhekk ma jikkwalifikax bhala rapprezentant illi huwa solidalment responsabbli mis-socjeta` fuq imsemmija u ghal kwalsiasi ammonti li setghu kienu dovuti lill-eccipjenti ;*

*[b] Illi l-eccipjenti jsib konfort f`dan li qieghed jghid fl-artikolu 66(1) tal-Kap. 406 illi jitkellem dwar 'rapprezentanza' fl-Att XXIII tal-1998. Dan jghid testwalment illi :*

*"Kull segretarju, manager, direttur, stralcjarju jew ufficjal principali iehor ta` entri jew korp ta` persuni, ..... ghandu jkun rapprezentant ghall-ghanijiet ta` dan l-Att, ta` dak il-korp ta` persuni, ... skond il-kaz."*

*Ta` min jinnota illi l-ewwel persuna li ssemmi l-Ligi dwar ir-rapprezentanza hija appuntu s-segretarju, kariga illi bil-ligi ghandha rwol krucjali fl-amministrazzjoni tal-kumpanniji. Fil-fatt, is-sub-inciz (5) tal-artikolu 66 jghid illi :*

*"Rapprezentant ikollu responsabbilita` solidali mal-persuna li jkun qieghed jirraprezenta ghat-taxxa dovuta minn dik il-persuna..."*

*7. Illi l-ittra ufficjali mertu ta` dan ir-rikors hija valida u ritwali u r-rikorrenti ghandu jitqies responsabbli solidament mal-kumpannija ghad-djun fiskali taghha msemmija f-ittra ufficjali. L-esponenti jaghmel referenza ghall-artikolu 72(1) tal-Att illi jistipola li :*

*"Kull avviz, mandat jew procediment iehor li jsir b`ghan skond id-disposizzjonijiet ta` dan l-Att ma*

*ghandux jitqies li jkun null jew li jista` jigi annullat minhabba f`nuqqas materjali jew li jkun difettuz minhabba f`xi zball, difett jew ommissjoni li jkollu, jekk dan ikun materjalment u effettivament jaqbel mal-hsieb u skond it-tifsir ta` dan l-Att."*

*Illi ghaldaqstant l-intimat Kummissarju eccipjenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet suespost joghgobha :*

*1. tichad it-talbiet tar-rikorrent bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, fejn allega illi mhuwiex ir-rapprezentant tal-kumpannija Penza Tarmac Limited ghall-finijiet u effetti tal-Kap. 406, u tiddikjara illi hu kien ir-rapprezentant tal-kumpannija ghaz-zmien in kwistjoni;*

*2. tiddikjara illi l-Avviz u l-ittra ufficjali de quo segwew il-procedura rikjesta mil-ligi, il-Kap. 406;*

*3. konsegwentement joghgobha tikkonferma t-titolu ezekuttiv ottenut mill-Kummissarju a bazi tal-ittra ufficjali numru 1081/2010 fil-konfront tar-rikorrent Carmelo Bonello proprio et nomine u tikkundannah ihallas lill-intimat l-ammont dovut fl-ittra ufficjali numru 1081/2010 tat-12 ta` April 2010;*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni in subizzjoni kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-lista ta` dokumenti li kienu prezentati flimkien mar-risposta guramentata.

Rat u qieset il-provi kollha li ngabru fil-kawza fl-ismijiet *Carmelo Bonello kontra Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud* (Rik Gur Nru 491/2010 JZM) wara li fl-

udjenza tas-17 ta` Frar 2011 il-partijiet kienu qablu li kull prova li tkun ingabet f`dak il-procediment tkun tghodd ukoll bhala prova ghall-fini tal-kawza tal-lum.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet

Rat id-digriet taghha tat-23 ta` Ottubru 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. Provi**

**Sabiex tiddetermina l-fondatezza o meno tal-istanza attrici, fil-kuntest tal-linja difensjonali tal-intimat, din il-Qorti sejra taghmel riferenza biss ghal dawk mill-provi li fil-fehma taghha huma rilevanti.**

Fl-**14 ta` Jannar 2010**, l-intimat baghat **ittra** lil Penza Tarmac Limited fejn wara li ddikjara li kellha thallas VAT ta` €2,779,469.03 interpella lill-kumpannija biex thallas fi zmien jumejn min-notifika skond l-Art 59(2) tal-Kap 406.

Fit-**12 ta` April 2010**, l-intimat ipprezenta ittra **ufficjali** (Dok A) kontra r-rikorrent *personalment u ghan-nom u in rapprezentanza ta` Penza Tarmac Ltd,* ghamel riferenza ghall-ittra tal-14 ta` Jannar 2010 fejn iddeskriva dik l-ittra bhala "*avviz*" skond l-Art 59(2) tal-Kap 406 b`interpellazzjoni biex ihallas VAT ta` €2,779,469.03 u bi twissija li jekk ma jeffettwax il-hlas fi zmien jumejn, jezegwixxi l-kreditu kontra tieghu b`atti ezekuttivi.

Fix-xiehda tieghu fl-udjenza tal-5 ta` Ottubru 2011 (minn fol 61 et seq tal-process tal-kawza bin-nru 491/2010 JZM) **Roberto Formosa** rapprezentant tal-intimat ikkonferma illi l-ittra tal-14 ta` Jannar 2010 kienet l-avviz u maghha ntbaghtet id-“demand note”. Ikkonferma li bhal dak l-“avviz” ma kienx intbaghat wiehed personalment lir-rikorrent.

Kompla jixhed illi fit-22 ta` Gunju 2010 kienet ipprezentata ittra ufficjali kontra Carmelo Penza personalment u bhala rapprezentant tal-kumpannija de qua fejn kien reklamat il-hlas tal-VAT. L-“avviz” kien intbaghat biss lil Penza Tarmac Limited.

Fisser illi l-“avviz” jintbaghat b`posta normali mhux b`ittra registrata.

Ix-xhud ipprezenta kopja ta` l-ewwel pagna ta` mandati ta` sekwestru esekuttiv li kien prezentat kontra *Carmelo Penza personalment u bhala direttur ta` Penza Tarmac Limited* (Dok MB6 a fol 76 tal-process tal-kawza bin-nru 491/2010 JZM).

Fl-affidavit tieghu, **ir-rikorrent** xehed illi fl-1988 dahal jahdem bhala skrivan *part-time* ma` Penza Construction Limited. F`Mejju 1989, beda jahdem *full-time* bhala skrivan. Baqa` *full-time* sa Ottubru 2004 meta ghalaq il-61 sena. U rega` qaleb *part-time* fejn ghadu sal-lum. Bhala parti mix-xoghol tieghu bhala skrivan, beda jaghmel ukoll ix-xoghol ta` Penza Concrete Services Limited u ta` Penza Tarmac Limited. Il-haddiema tal-kumpanniji kienu jkunu fuq il-lant. Hu biss kien ikun fl-ufficcju. Fit-18 ta` Novembru 1997 sar *company secretary* tat-tliet kumpanniji. Dakinhar qatt ma basar l-implikazzjonijiet legali ta` xi tfisser li tkun *company secretary* u lanqas ha parir legali qabel accetta dik il-kariga. Qatt ma kellu ishma fil-kumpanniji. Qatt ma kien

direttur taghhom. U lanqas qatt irrapprezentahom fil-qrati jew fuq xi kuntratt. Lanqas ma kien involut fil-kwistjonijiet finanzjarji tal-kumpanniji. Fit-23 ta` April 2010 kien notifikat bi tliet ittri ufficjali tal-intimat fosthom it-tlieta dik Dok A. Ighid li wiegeb b`ittra ufficjali tieghu tat-28 ta` April 2010 (Dok B). Huwa qatt ma rcieva personalment “avviz” biex ihallas VAT kif del resto tikkonferma n-nota guramentata tar-rapprezentant tal-intimat (fol 71 et seq). Id-denunzji tal-VAT kien jsiru mill-accountant Alex Mamo u jiffirmahom id-direttur Carmelo Penza. Irrizenja minn *company secretary* tat-tliet kumpanniji, mela l-Form Ks u mar bihom personalment ghand ir-Registratur tal-Kumpanniji. Ghamel din il-kawza ghaliex ghalkemm mar flimkien ma` Carmelo Penza biex ikellem lir-rapprezentanti tal-intimat dawn irrifjutaw li jiccaqilqu mill-posizzjoni taghhom fil-konfront tieghu.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, ir-rikorrent sostna li l-kompiti tieghu kienu limitati ghad-day to day running tal-ufficcju ta` l-kumpanniji ta` Carmelo Penza, li jaccerta l-attendenza tal-haddiema fuq ix-xoghol, u l-pagi taghhom

Fix-xiehda taghhom bl-affidavit, **<u>id-direttur Carmelo Penza, l-accountant Alex Mamo u l-awditur Charles Farrugia</u>** jikkorraboraw id-deposizzjoni tar-rikorrent. Fis-sostanza, Carmelo Penza u Alex Mamo, li taghhom sar il-kontroezami, jikkonfermaw id-deposizzjoni kif tirrizulta fl-affidavits taghhom. L-essenza ta` dak li qalu dawn it-tliet xhieda hija li r-rikorrenti kien semplici skrivan u xejn izjed u cioe` minghajr l-icken koinvolgiment fit-tmexxija tal-kumpanniji nkluzi l-finanzi.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Dritt</u>**

Id-disposizzjoni li tirregola l-kostituzzjoni ta` titolu ezekuttiv favur l-intimat dwar hlas ta` taxxa u penali amministrattiva hija l-**<u>Art 59 tal-Kap.406</u>** illi taqra hekk –

*(1) Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta` taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu jkun xhieda bizzejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u ghalhekk jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*(2) Il-Kummissarju jista` jitlob il-hlas ta` kull taxxa u penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta` nota ta` talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta` talba ghall-hlas tkun giet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista` jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn min-notifika lil dik il-persuna ta` talba ghall-hlas li ssir permezz ta` att gudizzjarju.*

*(3) Id-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 468 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandhom japplikaw dwar kull mandat mahrug bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi f`dan l-artikolu u ghall-izbank ta' kull flus li jingabru mill-bejgh fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppozizzjoni jew rizerva fic-cedola ta` depozitu ma ghandha twaqqaf il-hlas ta` xi somma li tkun depozitata fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel.*

Hemm imbaghad l-**<u>Art 66(1) tal-Kap 406</u>** li jittratta l-kwistjoni ta` min jirrapprezenta persuna registrata li ma tkunx jew m`ghadhiex persuna fisika. Id-disposizzjoni taqra hekk –

*Kull segretarju, manager, direttur, stralcjarju jew ufficjal principali iehor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u ezekutur testamentarju u kull kuratur ta' l-eredità vakanti ta' persuna mejta, u kull min ikun tutur, kuratur,*

*amministratur jew trustee ta' xi persuna ohra jew ta' xi trust, fund, jew enti iehor ghandu jkun rapprezentant, ghall-ghanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, persuna ohra, trust, fund jew enti iehor skond il-kaz.*

Kif hija regolata r-responsabilita` tar-rapprezentant tirrizulta fl-**Art 66(3) (4) u (5) tal-Kap 406** :-

*(3) (a) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (5) rapprezentant ta' persuna ikun responsabbli bl-istess mod u sa l-istess limitu bhal dik il-persuna li jkun qieghed jirrapprezenta ghall-obbligazzjonijiet kollha imposti b'dan l-Att jew bis-sahha tieghu.*

*(b) Kull haga li ssir jew tonqos milli ssir minn rapprezentant li jagixxi f'dik il-kariga ghandha titqies ghall-ghanijiet ta' dan l-Att li tkun saret jew naqset milli ssir mill-persuna li huwa jkun qieghed jirrapprezenta.*

***(c) Avviz li jigi notifikat lir-rapprezentant jew hlas lura li jsir lil rapprezentant fil-kariga tieghu ta` rapprezentant taht kull disposizzjoni ta' dan l-Att ghandhom jitqiesu bhala notifikat jew maghmul lill-persuna li huwa jkun rapprezentant taghha.*** (enfasi tal-qorti)

*(d) Li persuna tkun jew tinhatar rapprezentant ta' persuna ohra ma tehlisx lit-tieni persuna minn kull obbligu jew responsabbiltà taht dan l-Att.*

*(4) Rapprezentant li jkollu taht it-tmexxija jew kontroll tieghu xi flus jew proprjetà ta' persuna jew dovuti lil persuna li huwa jkun rapprezentant taghha ma ghandux jiddisponi minn dawk il-flus jew proprjetà kemm-il darba ma jkunx haseb bizzejjed ghal kull taxxa dovuta taht dan l-Att.*

*(5) Rapprezentant ikollu responsabbiltà solidali mal-persuna li jkun qieghed jirrapprezenta ghat-taxxa dovuta minn dik il-persuna :*

*Izda meta ir-rapprezentant ikun agixxa in bona fede u ma jkunx qieghed xjentement jikkontravjeni is-subartikolu (4) jew kull obbligazzjoni ohra taht dan l-Att, ir-responsabbiltà tieghu taht dan is-subartikolu ghandha tkun limitata ghall-flus jew ghall-valur tal-proprjetà li huwa jkun qieghed jamministra jew jikkontrolla li tkun ta' persuna jew dovuta lil persuna li huwa jkun ir-rapprezentant taghha.*

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Risultanzi</u>**

**Ir-rikorrent qieghed jagixxi <u>*de proprio*</u>.**

Fid-deposizzjoni tieghu, ir-rapprezentant tal-intimat jaccetta bhala fatt tliet materji illi ghal din il-Qorti huma **<u>krucjali</u>** ghall-fini tas-soluzzjoni tal-vertenza mertu ta` din il-kawza :

(i) illi l-intimat kien qieghed iqis l-ittra tal-14 ta` Jannar 2010 bhala l-"*avviz*" ghal kull fini u effett tal-Art 59(1) ;

(ii) illi dak l-"*avviz*" kien mibghut permezz ta` posta normali (mhux registrata) lil Penza Construction Limited mhux lir-rikorrent *de proprio* wkoll ; u

(iii) illi l-ittra ufficjali tat-12 ta` April 2010 kontra r-rikorrent *proprio et noe* saret in virtu` tal-Art 59(2) tal-Kap 406.

Accertati dawn il-fatti, il-linja difensjonali tal-intimat ma tistax tregi.

Qed jirrizulta li l-"*avviz*" ghall-hlas ta` l-ammonti pretizi bhala dovuti mill-intimat ma ntbaghatx lir-rikorrent, izda mar ghand il-persuna registrata mal-intimat ghall-fini tal-Kap.406, u dan ghalkemm ir-rikorrent kien jikkwalifika bhala rapprezentant *ex lege* tal-kumpannija de qua.

Dak li r-rikorrent *inter alia* qieghed jikkontesta bil-procedura tal-lum huwa li l-intimat ma jistax jippretendi li ghandu titolu ezekuttiv kontrih skond l-Art 59(2) ghaliex ma jirrizultax li r-rikorrent *de proprio* qatt kien notifikat bil-mezz ta` nota ta` avviz ta` hlas ta` taxxa u penali amministrattiva kif previst bl-Art 59(1).

Mela ghall-fini ta` aktar kjarezza, din il-Qorti tghid li sabiex l-intimat seta` jipprocedi bil-presentata (u eventwali notifika) tal-att gudizzjarju kontra r-rikorrent *de proprio* skond l-Art.59(2) huwa kien fl-obbligu li jassikura li jaghmel notifika tan-nota ta` hlas lir-rikorrent *de proprio* skond l-ewwel parti tal-Art.59(2).

Fil-kaz tal-lum, ma jirrizultax li sar hekk.

Ghalhekk l-ittra ufficjali tat-12 ta` April 2010 hekk kif tolqot lir-rikorrent *de proprio* kienet certament intempestiva u mproponibbli fil-kuntest tal-Art.59(2) tal-Kap.406, liema disposizzjoni hija wahda, mhix disgunta izda hija komprensiva.

Bl-ewwel (1) subinciz tal-Art 59 it-titolu ezekuttiv huwa kostitwit hekk kif il-persuna koncernata tircievi l-avviz (*notice* fit-test Ingliz tal-ligi) ghall-hlas ta` taxxa u penali amministrattiva u ma taghmel xejn biex ixxejjen, bi

provi kuntrarji, dak li jkun qed jigi pretiz minnha.iggib prova kuntrarja.

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta minghajr l-icken ombra ta` dubju illi l-unika "*persuna*" li rceviet l-avviz skond l-Art 59(1) kienet il-kumpannija Penza Construction Limited mhux ir-rikorrent, ghalkemm kien sa dakinhar il-*company secretary.*

Ghalkemm ir-rikorrent, ghax *company secretary,* huwa rapprezentant tal-kumpannija skond l-Art 66(1) tal-Kap 406, l-obbligazzjoni tibqa` tal-kumpannija mhux tieghu personalment ladarba qatt (u dan irrizulta minghajr l-icken dubju) ma ntbaghat lilu avviz personalment.

Konferma li dan huwa l-istat tad-dritt jirrizulta mill-Art 66(3)(c) ghaliex ghalkemm skond dik id-disposizzjoni "*avviz li jigi notifikat lil rapprezentant … taht kull disposizzjoni ta' dan l-Att ghandhom jitqiesu bhala notifikat jew maghmul lill-persuna li huwa jkun rapprezentant taghha"* (sottolinear tal-qorti) il-maqlub ma jghoddx u cioe` avviz mibghut lill-kumpannija ma jaghmilx stat fil-konfront tar-rapprezentant, anke jekk jirrizulta li hekk hu skond l-Art 66(1).

Din il-Qorti ttenni illi r-*raison d`etre* ta` dan kollu hu li qatt ma kien kostitwit favur l-intimat titolu esekuttiv skond l-Art 59(1) kontra r-rikorrent *de proprio* u kwindi l-intimat ma setax jinqeda bl-Art 59(2) biex jitlob l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv bil-presentata u notifika tal-att gudizzjarju kontra r-rikorrent.

**F`dak illi din il-Qorti qeghda tghid hija konfortata bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta` Settembru 2012 fil-kawza "*Rikors ta` Frank V. Dimech fl-atti tal-ittra ufficjali numru 46/2008 fl-ismijiet : Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud illum Kummissarju tat-***

***Taxxi b`effett minn Jannar 2012 vs Frank V. Fenech*" (Nru 46/2008).**

Propju ghaliex fic-cirkostanzi tal-kaz tal-lum, ghar-ragunijiet esposti, ma kienx kostitwit "*titolu ezekuttiv*" skond l-Art 59(1) kontra r-rikorrent *de proprio* ma hemmx il-htiega ghal din il-Qorti li tghaddi ghall-ezami ta` kif (inkella le) ighodd ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum l-Art 66(5) inkluz il-*proviso*.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza tal-lum billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, u tilqa` t-talba tar-rikorrent, billi qeghda tiddikjara illi t-talba tal-intimat kif dedotta fl-ittra ufficjali tieghu li ggib in-numru 1081/2010, hekk kif diretta fil-konfront tar-rikorrent *de proprio* hija nfondata fil-fatt u fid-dritt. Konsegwentement qeghda tirrevoka t-titolu ezekuttiv vantat mill-intimat.**

**Tordna lill-intimat sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------